

Brussell, 23 ta' Novembru 2021  
(OR. en)

13546/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0331 (NLE)**

---

**AVIATION 275**  
**CHINE 8**  
**RELEX 934**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ndan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar Repubblica tal-Poplu taċ-Ċina, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim  
dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea  
u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina,  
fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<sup>1</sup> ("il-Ftehim") ġie approvat f'isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1075<sup>2</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2020<sup>3</sup>.
- (2) L-Artikolu 11(1) tal-Ftehim jipprevedi li jiġi stabbilit Kumitat Konġunt tal-Partijiet għall-funzjonament effettiv tal-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 11(3) tal-Ftehim ikompli jipprevedi li l-Kumitat Konġunt għandu jfassal u jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (4) Il-Kummissjoni u l-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili taċ-Ċina ikkooperaw għat-fassil ta' abbozz ta' regoli ta' proċedura.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, peress li dawn ser jkunu vinkolanti għall-Unjoni. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L 240, 24.7.2020, p. 4.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1075 tas-26 ta' Ġunju 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 240, 24.7.2020, p. 1).

<sup>3</sup> ĠU L 3, 7.1.2021, p. 3.

### *Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt<sup>1</sup>.
2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>1</sup> Ara d-dokument ST 13626/21 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.